# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru 49/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Iosif Galea (K.I. Nru 467180M)**

**-vs-**

**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**

**u**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 20 ta' Jannar 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

***A. INTRODUZZJONI***

1. *Illi fil-11 ta' Novembru 2021, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (l-"**MFSA**" jew l-"**Awtorità**") ħarġet deċiżjoni amministrattiva (id-"**Deċiżjoni**") permezz ta' liema imponiet multa fil-konfront tal-esponenti fl-ammont ta' tlieta u ħamsin elf, tliet mija u tlieta u tletin Ewro (€53,333) ai termini tal-Artikolu 9 tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja ta' liema deċiżjoni qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok. A**';*

2. *Illi r-rikorrent ħassu aggravat mid-Deċiżjoni u interpona appell quddiem it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji (it-"**Tribunal**") ai termini tal-Artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Kap 330 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi pero, apparti mill-aggravji relatati mal-mertu tad-Deċiżjoni u l-quantum tal-multa imposta fuqu, l-esponent huwa ferm iktar aggravat mid-Deċiżjoni stante illi din ittieħdet bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta;*

4. *Fis-suċċint, u kif ser jiġi spjegat fid-dettal iktar l-isfel, ir-rikorrent qed iressaq din il-kawża minħabba l-fatt li, skontu, hemm numru ta' dispożizzjonijiet fl-Atti surreferiti li minnhom infushom jilledu d-dritt tagħhom ta' smigħ xieraq. Addizzjonalment, jirriżulta wkoll li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni kien ukoll bi ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. F'dawn il-proċeduri għalhekk, ir-rikorrent qed iressaq il-pretenzjonijiet tiegħu li:*

   a. *L-Artikoli fl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji f'Malta u/jew fl-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, abbażi ta' liema (a) l-Awtorità hija mogħnija bil-poteri biex taġixxi bħala investigatur, prosekutur u 'Qorti', u (b) jissussisti n-nuqqas ta' rimedju adegwat ta' appell, jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem hekk kif protetti mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni").*

   b. *Il-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex l-Awtorità ħarġet id-Deċiżjoni jilledi l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6)(a) tal-Kostituzzjoni;*

***B. L-APPLIKABILITA' TAL- ARTIKOLU 6 § 1 TAL-KONVENZJONI U L-ARTIKOLU 39 TAL-KOSTITUZZJONI***

5. *L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirrikjedi li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan, għall-kuntrarju ta' proċeduri li jittrattaw deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet ċivili fejn l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi dan jista' jsir quddiem kull Qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi. Bl-istess mod, l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni jiggrantixxi ukoll dritt ta' smigħ xieraq minn tribunal jew Qorti imparzjali u indipendenti.*

6. *Illi hu issa stabbilit mill-ġurisprudenza estensiva illi proċeduri amministrattivi bħal dawk in kwistjoni mhumiex proċeduri ta' natura ċivili, iżda ta' natura kriminali. Għaldaqstant, l-Artikolu 39(1) tal-*

*Kostituzzjoni u l-kap kriminali ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw.*[1]

7. *Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (il-"**Qorti Ewropea**"), fil-każ Jussila v Finland*[2] *spjegat fid-dettall id-diversi akkużi kriminali li jistgħu jinġiebu fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi simili għall-proċeduri in kwistjoni u l-applikazzjoni ta' Artikolu 6. F'dan il-każ, il-Qorti Ewropea ddikjarat is-segwenti:*

> *"There are clearly 'criminal charges' of different weight. What is more, the autonomous interpretations adopted by the Convention institutions of the notion of a 'criminal charge' by applying the Engel criteria have underpinned a gradual broadening of the criminal head to cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law, for example administrative penalties (Ozturk, cited above), prison disciplinary proceedings (Campell and Fell v the United Kingdom, 28 June 1984, Series A no. 80), customs law (Salabiaku v France, 7 October 1988, Series A no. 141-A), competition law (Societe Stenuit v France, 27 February 1992, Series A no. 232-A), and penalties imposed by a court with jurisdiction in financial matters (Guisset v France, no 33933/96, ECHR 2000-IX). Tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees will not necessarily apply with their full stringency."*

8. *Illi jirriżulta ċar li għalkemm dawn l-akkużi huma ta' natura amministrattiva, xorta waħda jitrattaw kwistjonijiet li għandhom natura ta' akkużi kriminali. Kif għamlet il-Qorti Ewropea f'Engel, wieħed jagħmel distinzjoni bejn il-pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "hard core of criminal law" u pieni li jitnisslu minn "cases not strictly belonging to the traditional category of the criminal law". Għalkemm dawn il-każijiet ma jaqgħux taħt il-kategoriji konvenzjonali li ġeneralment insibu taħt il-liġi kriminali, u "the criminal head guarantees will not necessarily apply with their full stringency",*[3] *xorta jrid jiġi f'kull każ protett, u jiġi assigurat li, id-dritt ta' smigħ xieraq tagħhom ma jiġix leż.*

9. *Illi l-Qorti Kostituzzjonali Maltija wkoll ikkonfermat li dawn it-tip ta' proċeduri, huma ta' natura kriminali u għaldaqstant id-dritt ta' smigħ xieraq għandu japplika. F'dan ir-rigward, referenza issir għas-*

---

[1] Diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbilew li l-kap kriminali ta' Artikolu 6 ikun japplika għal proċeduri relatati ma' reati amministrattivi, bħal per eżempju l-proċeduri in kwistjoni dwar il-liġi tal-kompetizzjoni. Ara, *Bendenoun v France*, Rikors Numru 12547/86 (24 ta' Frar 1994); *Jussila v Finland*, Rikors Numru 73053 (23 ta' Novembru 2006) u *Engel and others v the Netherlands*, Rikorsi Numru 5100/71, 5102/71, 5370/72 (8 ta' Ġunju 1976). Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet illi Artikolu 6 jkun japplika għal proċeduri amministrattivi jekk l-elementi li ġejjin (komunement magħrufa bħala l-*Engel criteria*) ikunu sodisfatti:

a) Il-liġi li tistipula l-penali tkopri ċ-ċittadini kollha fil-kapaċita' tagħhom ta' *taxpayers;*
b) Is-*surcharge* ma kinitx intiża bħala kumpens pekunjarju għad-danni imma essenzjalment bħala piena li tiskoraġġixxi lil min jerġa joffendi;
c) Kienet imposta taħt regola ġenerali b'għanijiet kemm deterrenti u punitivi;
d) Is-*surcharge* kienet sostanzjali.

[2] Ċitata *supra*

[3] Ara *Bedenoun v France* sopraċitata

*sentenza Angelo Zahra v Kummissarju tat-Taxxi Interni*[4] *, Federation of Estate Agents v Direttur Ġenerali Kompetizzjoni*[5] *fost oħrajn. Iktar riċentement, fis-sentenza Rosette Thake noe v Kummissjoni Elettorali*[6]*, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet b'mod differenti mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u saħħet iktar id-dritt ta' smigħ xieraq protett mill-Kostituzzjoni. Il-Qorti sabet li nonostante l-fatt li l-poteri mogħtija mil-liġi lill-Kummissjoni Elettorali ikopru kemm il-fakultà li tinvestiga kif ukoll li tieħu deċiżjoni skont l-Att 544, dan kien jilledi d-dritt ta' smigħ xieraq tal-lanjant għaliex il-Kummissjoni Elettorali mhijiex Qorti imparzjali u indipdendenti kif irid l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Dan nonostante l-fatt li Thake noe setgħet tikkontesta deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali kemm fuq kwistjonijiet ta' dritt u kemm fuq il-fatti, billi tibda proċeduri legali ġodda quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (liema proċeduri huma wkoll soġġetti għall-appell ieħor quddiem il-Qorti tal-Appell). L-emfasi għalhekk hija fuq il-ħtieġa kategorika illi kwistjonijiet ta' din in-natura jiġu sindikati u deċiżi biss minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

## *C. IL-KSUR TAL-ARTIKOLU 6 § 1 TAL-KONVENZJONI U L-ARTIKOLU 39 (1) TAL-KOSTITUZZJONI*

*Il-Kostituzzjoni tal-Awtorità skont il-liġi: Awtorità mhux indipendenti u awtonoma*

10. *Illi l-MFSA hija awtorità amministrattiva kkreata mill-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap 330 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**") u, bħala l-uniku regolatur tas-servizzi finanzjarji f'Malta, tamministra numru ta' Liġijiet u Atti, fosthom l-Att u l-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji (Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta);*

11. *Illi kif ser jiġi muri fil-mori ta' din il-kawża, l-Awtorità hija kostitwita b'tali mod illi qatt ma tista' tiġi meqjusa bħala indipendenti u/jew imparzjali. Il-ħatra tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità, responsabbli mit-tfassil tal-politika tal-istess Awtorità, huma maħtura mill-Gvern, imħallsa minnu u appuntati biss għall-perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin.*

12. *Illi d-deċiżjoni dwar l-impożizzjoni tal-piena amministrattiva tiġi meħuda minn impjegati tal-Awtorità stess li għalhekk ma humiex imparzjali u li jiġbdu l-istess ħabel tal-Awtorità.*

13. *Illi fost ir-responsabbilitajiet tagħha, l-Awtorità għandha il-funzjoni li tittratta dwar l-infurzar:*

    a. *taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att jew ta' kull att ieħor amministrat minnha (fosthom il-Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta), jew ta' kull regolamenti u/jew regoli magħmula taħthom; jew*

[4] 29 ta' Mejju 2015;
[5] 3 ta' Mejju 2016;
[66] Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Ottubru 2018

b. *f'dak li jirrigwarda xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti f'xi liċenzja jew awtorizzazzjoni oħra; jew*

c. *f'dak li jirrigwarda xi miżura amministrattiva jew penali imposti mill-Awtorità taħt l-Att jew kull att ieħor amministrat minnha, jew f'kull regolament jew regoli magħmulin taħthom;*

14. *Illi l-Awtorità, bis-saħħa tal-Kap 330 tal-Liġijiet ta' Malta, hija ukoll mogħtija diversi poteri investigattivi fit-twettieq tal-funzjonijiet tagħha;*

15. *Illi minbarra dawn il-poteri amministrattivi u investigattivi, l-istess liġijiet (il-Kap 330 u Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta) jagħtu lill-istess Awtorità il-poter, wara li din tkun ikkonkludiet l-investigazzjoni tagħha fuq xi persuna (legali jew naturali), li tiddeċiedi hi stess jekk kienx hemm tassew ksur taħt il-liġijiet surreferiti, f'dan il-każ allegat ksur tal-Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta;*

16. *Illi fl-eżerċizzju ta' dawn il-poteri diskrezzjonarji, skont id-dispożizzjonijiet legali li jirregolawha, l-Awtorità qatt ma tista' tkun imparzjali. L-MFSA hija awtorità pubblika li taġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin. Hija entità li:*

a. *Tifformola r-regolamenti li japplikaw lil persuni suġġetti li tirregola;*

b. *Tikkonduċi hi stess, fid-diskrezzjoni assoluta tagħha l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet fuq persuni suġġetti u tevalwa l-informazzjoni li tiġbor hi stess;*

c. *Taġixxi kemm ta' prosekutur iżda fl-istess ħin ukoll ta' imħallef u sussegwentement tasal għal konklużjonijiet ta' ħtija daqs li kieku kienet xi tribunal indipendenti u imparzjali.*

17. *Illi peress illi f'dan il-każ, l-esponent allegament kiser xi dispożizzjonijiet tal-Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorità eżerċitat il-poteri tagħha fil-konfront tal-esponent ai termini ta' din l-istess liġi;*

18. *Illi f'każ li tiddeċiedi illi xi persuna kiser xi dispożizzjoni ta' din il-liġi (il-Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta) – kif għamlet fil-konfront tal-esponenti – l-Awtorità tista', ai termini tal-Artikolu 9 tal-istess liġi, "b'avviż bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa ta' smigħ fil-Qorti, timponi fuq dik il-persuna penali amministrattiva li ma tkunx iżjed minn ħamisn elf euro (€50,000) għal kull ksur jew nuqqas ta' konformità..."*

19. *Illi abbażi ta' dan il-fatt biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssegwi d-deċiżjoni l-iktar reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Thake noe v il-Kummissjoni Elettorali, jirriżulta li hemm akkuża kriminali li qed tiġi determinata minn persuna li la hi Qorti jew tribunal u wisq anqas*

*hija indipendenti u imparzjali, u għaldaqstant dan huwa bi ksur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.*

20. *Illi fi kliem ieħor, jekk wieħed għal forza tal-argument irid jagħmel parallel ma' reati penali aktar tradizzjonali, dan huwa l-istess daqs li kieku l-pulizija jkollha l-poter li wara investigazzjoni però mingħajr ebda proċess ġudizzjarju tikkundanna lil persuna għall-ħtija.*

*Id-dritt ta' appell mogħti skont l-Att mhuwiex rimedju adegwat biex jassigura d-dritt ta' smigħ xieraq.*

21. *Illi skont l-Artikolu 16 tal-Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta, jeżisti dritt ta' appell minn kull penali amministrattiva imposta taħt l-Artikolu 9 quddiem it-Tribunal.*

22. *Illi dan it-Tribunal, imwaqqaf taħt l-Artikolu 21 tal-Att (Kap 330 tal-Liġijiet ta' Malta), huwa kompost minn Chairman, li jippresjedi t-Tribunal, u żewġ membri oħra, <u>ilkoll maħtura mill-Ministru responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-Servizzi Finanzjarji</u>. Taħt il-leġislatura preżenti, din ir-responsabbiltà taqa' taħt il-Ministru tal-Finanzi u x-Xogħol.*

23. *Illi dan ifisser illi kemm l-Awtorità kif ukoll it-Tribunal ilkoll jaqgħu fid-dekasteru tal-istess Ministru u għalhekk qiegħed jiġi umilment sottomess li d-dritt tal-appell mogħti lill-esponent skont l-Att mhuwiex biżżejjed sabiex jipproteġi, jissalvagwardja u jissodisfa d-dritt ta' smiegħ xieraq skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.*

24. *Illi mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal hemm dritt ta' appell <u>fuq punt ta' liġi biss</u> quddiem il-Qorti tal-Appell (Artikolu 21(14) tal-Att). Għalhekk jirriżulta wkoll li l-liġi hija mankanti u r-rimedju li tipproponi jirriżulta insuffiċjenti.*

25. *Illi l-Kostituzzjoni teżiġi li akkużi ta' reati kriminali jiġu determinati esklussivament minn Qrati, u minn ebda entità oħra. Fil-fatt, mentri fis-sub-Artikolu (1) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, li jirrigwarda reat kriminali, jintużaw il-kliem "<u>Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi</u>", fis-sub-Artikolu (2) li jirrigwarda drittijiet jew obbligi ċivili jintużaw l-kliem "Qorti jew awtorità oħra ġudikanti".*

26. *Illi kienu diversi d-deċiżjonijiet ta' dina l-Onorabbli Qorti illi kkonfermaw li l-kelma 'Qorti' ma tinkludix kull forma ta' tribunal jew post fejn il-ġustizzja tiġi amministrata iżda tinkludi **<u>biss</u>** il-qrati kostituzzjonali, kriminali u ċivili, kemm superjuri kif ukoll inferjuri – ara Il-Kummissarju tal-Artijiet vs Ignatius Licari noe (Appell Kostituzzjonali Numru 9/2001/1, 30 Ġunju 2004; kif ukoll Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) 3 Mejju 2016, Qorti Kostituzzjonali; u Thake et vs Kummissjoni Elettorali et 8 Ottubru 2018, Qorti Kostituzzjonali);*

27. *Illi kif ġia saret referenza iktar f'dan ir-rikors, it-Tribunal huwa kompost minn membri maħtura mill-Ministru responsabbli għas-Servizzi Finanzjarji f'Malta, l-istess Ministru illi għandu r-responsabbiltà politika tal-Awtorità. Huwa ċar, għalhekk, illi tali Tribunal ma jista' qatt jissodisfa r-rekwiżiti sanċiti fil-Kostituzzjoni sabiex jiġi żgurat id-dritt ta' smigħ xieraq tal-esponent.*

28. *Illi jirriżulta bl-iktar mod ċar li la l-Awtorità u lanqas it-Tribunal ma huma Qorti skont il-Kostituzzjoni. Għalhekk, ġialadarba l-proċeduri li ħadet l-Awtorità fil-konfront tal-esponent huma ta' natura kriminali, huwa evidenti illi d-deċiżjoni ngħatat, u l-multa ġiet imposta, bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent taħt l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.*

29. *Illi inoltre, l-appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Appell – fuq punt ta' liġi biss – ma huwiex rimedju suffiċjenti għall-esponenti. Billi dan l-appell huwa imbagħad regolat bid-dispożizzjonijiet tal-Kap 12 li jirregolaw il-proċedura tal-appell, ma teżistix il-possibilità ta' Qorti li b'mod sħiħ tista' tikkonsidra u tiddetermina l-akkuża kriminali, u dan għar-raġunijiet segwenti:*

a) *Il-proċedura tal-appell, fil-Kap 12 hija regolata b'mod strett u ma tixbaħx il-proċeduri fil-Prim' Istanza meta wieħed jibda proċeduri legali u jkollu d-dritt iressaq il-provi, jistaqsi għall-produzzjoni ta' dokumenti li m'għandux fil-pussess tiegħu, jagħmel kontroeżamijiet u sottomissjonijiet ulterjuri.*

b) *Fl-appell il-proċeduri bil-miktub jingħalqu mal-preżentata tar-rikors tal-appell u r-risposta. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-Qorti tal-Appell tista' tippermetti, lil waħda mill-partijiet, li tippreżenta skrittura oħra.*[7]

c) *Kull dokument rilevanti għall-appell għandu jiġi mehmuż mar-rikors tal-appell.*[8] *Kwalunkwe dokument ieħor li ma ġiex ippreżentat mar-rikors tal-appell jista' jiġi ppreżentat biss f'każijiet limitati u eċċezzjonali li huma mniżżlin fl-Artikolu 150 tal-Kap 12 u dan biss bl-awtorizazzjoni speċifika tal-Qorti.*

d) *Bħala regola, fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell, ma jistgħux jinġiebu xhieda. Xhieda huma aċċettati biss f'dawk l-istanzi speċifiċi tal-Artikolu 208 tal-Kap 12.*

e) *F'dawn il-proċeduri tal-appell, anke jekk ikun konċess li jitressqu l-provi, tkun l-appellanta (u cioe' l-persuna imputata) li trid tipprova l-innoċenza tagħha u tressaq il-provi hi stress, minflok ma jkollok l-awtorita' pubblika li tipprova hi stess li hemm responsabblita' ta' ksur. B'hekk jinqaleb l-oneru tal-*

[7] Article 147 tal-Kap 12
[8] Artikolu 145 tal-Kap 12

*prova li immedjatament ipoġġi lill-appellant fi żvantaġġ insormontabbli.*

*f) Il-Qorti tal-Appell hija biss Qorti ta' reviżjoni u mhux Qorti li tista' tikkonsidra l-kwistjonijiet kollha li għandha quddiemha mill-bidu nett. Il-Qorti tal-Appell, skont il-ġurisprudenza, m'għandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' dak li ħa l-ewwel deċiżjoni fil-Prim' Istanza, u għandha biss tikkonsidra interpretazzjoni differenti tal-fatti jekk hemm raġunijiet gravi biżżejjed jew jekk il-parti kkonċernata ser tkun ppreġudikata gravement bl-interpretazzjoni tal-fatti.*

*g) Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell huma proċeduri qosra – ġeneralment, huma proċeduri fejn isiru biss żewġ seduti jew tlieta. Addizzjonalment, skont l-Artikolu 13A tal-Att, l-appell għandu jinstema' u jiġi deċiż fiż-żmien 6 xhur biss mill-ewwel seduta tal-appell u ma jista' jkun hemm ebda estenzjoni ta' dan it-terminu ħlief bil-kunsens tal-partijiet jew għar-raġunijiet eċċezzjonali ġustifikati.*

30. *Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-esponent jissottometti li jirriżulta biċ-ċar li d-drittijiet tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni qed jiġu leżi.*

## *D. KONKLUŻJONI*

31. *Illi għaldaqstant, u għar-raġunijiet kollha fuq premessi, huwa ċar illi l-proċeduri imsemmija, inkluż id-Deċiżjoni tal-Awtorità fil-konfront tar-rikorrent, qegħdin jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif fuq ingħad.*

32. *Illi dan qiegħed isir b'konsegwenza ta' numru ta' artikoli fl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta kif ukoll l-Att dwar Provdituri għal Servizz lil Kumpanniji li jmorru kontra dak sanċit fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;*

33. *Illi għal kull buon fini qiegħed jiġi rilevat ukoll illi r-rikorrent ressaq appell quddiem it-Tribunal mid-Deċiżjoni fejn, oltre l-aggravji fil-mertu, ressaq aggravju msejjes fuq ir-raġunijiet imressqa f'dan ir-rikors, u ċioe l-allegat ksur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Madankollu, minħabba n-natura kostituzzjonali ta' dan l-ilment speċifiku, l-esponent jidhirlu illi jkun korrett u xieraq illi dan l-ilment jitressaq permezz tar-rikors odjern quddiem il-Prim' Awla fis-Sede Kostituzzjonali tagħha, mingħajr preġudizzju naturalment għall-aggravji l-oħra imsemmija fl-appell quddiem it-Tribunal.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, jitlob bir-rispett illi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u/jew opportuna, dina l-Onorabbli*

*Qorti jogħġobha tagħtiha kull rimedju xieraq għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha, fosthom:*

*i)* ***TIDDIKJARA*** *illi, l-Artikoli 16 u 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u l-Artikoli 9 u 16 tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, u kull dispożizzjoni oħra taħt wieħed minn dawn l-Atti, in kwantu li jawtorizzaw lill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u, f'każ ta' appell, lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji, li a) jisimgħu u jiddeċiedu każijiet ta' allegat ksur tal-istess Atti u/jew tal-istess regolamenti; u b) jagħtu ordnijiet u jimponu multi f'każ illi jsibu ksur, huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*ii)* ***TIDDIKJARA*** *l-istess dispożizzjonijiet kontenuti fl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap 330 Liġijiet ta' Malta) u l-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji (Kap 529 Liġijiet ta' Malta) nulli u bla effett għall-finijiet kollha tal-liġi, u dana skont l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni;*

*iii)* ***TIDDIKJARA*** *illi l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni li wassal biex l-Awtorita' tat id-Decizjoni u l-proċeduri legali istitwiti kontra r-rikorrent da parti tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta taħt l-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji (Kap 529 Liġijiet ta' Malta), partikolarment id-deċiżjoni datata l-11 ta' Novembru 2021 (annessa u mmarkata 'Dok. A' ma' dan ir-rikors) maħruġa mill-istess Awtorità fil-konfront tar-rikorrent ai termini tal-Artikoli 9 u 11 tal-istess Att, illedew id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*iv)* ***TIDDIKJARA*** *l-proċeduri legali istitwiti mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta kontra l-esponent, inkluż id-deċiżjoni datata l-11 ta' Novembru 2021 jew parti minnha, bħala nulli u/jew mingħajr effett għall-finijiet u effetti kollha fil-liġi;*

*v)* ***TIDDIKJARA*** *nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi li għamlet l-Awtorita';*

*vi)* ***TIDDIKJARA*** *illi bl-aġir tal-intimati jew min minnhom, ir-rikorrent ġarrab danni materjali u morali minħabba l-ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu;*

*vii)* ***TIKKUNDANNA*** *lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrent għad-danni kollha mġarrba minnu b'konsegwenza tal-ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif fuq imsemmija;*

*viii) Tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-Qorti tħoss li huma opportuni;*

*Bl-ispejjeż.*

2. Rat illi fit-30 ta' Marzu 2022, l-intimat **Avukat tal-Istat** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex ir-rikorrent għadu ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavola din il-kawża kostituzzjonali speċjali. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, kif sostna r-rikorrent stess, il-multa amministrattiva mogħtija mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) qiegħda tiġi kkontestata quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap. 330. Ma jistax f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrenti m'għandux rimedju xieraq meta l-appell quddiem it-Tribunal jidher li għadu lanqas biss ġie deċiż.*

      *Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;*

   2. *Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-esponent jeċċepixxi li l-ilmenti kollha tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-artikolu 39(1) u 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-ilmenti tiegħu ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali. Dan ġie ukoll ikkonfermat minn din l-istess Qorti diversament presjeduta fil-kawża Keith Schembri et vs Avukat Ġenerali et deċiża nhar it-23 ta' April 2021. L-Artikoli 16 u 21 tal-Kap. 330 u l-Artikoli 9 u 16 tal-Kap. 529 tal-Liġijiet ta' Malta u kull disposizzjoni oħra taħt wieħed minn dawn l-Atti li qed jiġu attakkati mir-rikorrenti, ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Fil-fatt, minkejja l-effetti serji li deċiżjoni tal-Awtorita' intimata jista' jkollha fuq ir-rikorrenti, ma jfissirx li n-natura ta' tali pieni hija waħda kriminali.*

      *Għalhekk, ir-rikorrenti ma jistax jinqeda bl-artikolu 39(1) u 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex iħassar dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;*

   ***Mertu***

   3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, it-talbiet fil-mertu tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in toto fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 39(1) u 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6§1 u 6§3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

   4. *Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 330 u tal-Kap. 529 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorita' intimata hija mogħnija bis-setgħa li toħroġ pieni amministrattivi fil-konfront ta' min ikun instab li naqas milli jikkonforma mad-*

*disposizzjonijiet tal-liġi. Dan, bl-ebda mod ma jimplika li allura l-Awtorita' intimata qed tiddetermina jew tiddeċiedi reati kriminali;*

5. *Illi hija l-liġi Maltija stess permezz tal-Kap. 529 li tiddistingwi ċar u tond bejn reati li huma kriminali u nuqqasijiet oħra li jwasslu lill-Awtorita' għall-impożizzjoni ta' piena amministrattiva. Fil-każ preżenti huwa evidenti li n-nuqqasijiet min-naħa tar-rikorrenti skattaw fil-konfront tiegħu proċeduri ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Dawk li huma meqjusa bħala reati kriminali huma mniżżla fl-artikolu 15 tal-Kap. 529; filwaqt li l-artikolu 9 jitratta proprju l-pieni amministrattivi;*

6. *Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina - A verbis legis non est recedendum;*

7. *Illi l-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea biex wieħed jiddeċiedi jekk proċeduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw reat kriminali jew le. Dan qed jingħad għaliex it-test u l-implikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa għal kollox differenti minn dak tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

8. *Illi b'referenza għall-artikoli li qed jiġu attakkati f'din il-kawża, ir-rikorrenti jrid, l-ewwel u qabel kollox, jipprova li dawn is-sanzjonijiet huma forom ta' pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza Engel u oħrajn v. L-Olanda tat-8 ta' Ġunju 1976. Hawnhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "hard core of criminal law" u "cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law";*

9. *Illi l-esponent jenfasizza li dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parametri ta' "hard core of criminal law", allura ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem Qorti. Dan ifisser allura li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju (ara Jussila v. il-Finlandja deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u Hüseyin Turan v. It-Turkija deċiża fl-4 ta' Marzu 2008) u li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara Janosevic vs. L-Isvezja deċiża fil-21 ta' Mejju 2003);*

10. *Illi l-fatt li pieni amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara Bendenoun v. Franza tal-24 ta' Frar 1992). Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 16(2)(b) tal-Kap. 529 hemm imniżżel li deċiżjoni tal-awtorita' kompetenti li timponi xi penali amministrattiva tista' tiġi appellata quddiem it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji. L-artikolu 21(9) tal-Kap. 330 jidderiegi lill-appellant a bażi ta'*

*xiex għandu jintavola appell. Dan ma jfissirx li d-dritt ta' appell qed jiġi limitat iżda l-liġi qed tagħti iktar direzzjoni lill-appellant fuq liema binarji għandu jintavola appell;*

11. *Illi wieħed ma jridx jinsa l-fatt li hemm possibilita' ta' appell anki mid-deċiżjoni tat-Tribunal u dan ai termini tal-Artikolu 21(14) tal-Kap. 330 tal-Liġijiet ta' Malta: "Appell fuq kwistjoni ta' liġi biss mid-deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir lill-Qorti tal-Appell." Dan ikompli juri li hemm żewġ appelli mid-deċiżjoni tal-Awtorita' li jistgħu jiġu utilizzati minn persuna li tħossha aggravata minn tali deċiżjoni - quddiem it-Tribunal u quddiem il-Qorti tal-Appell. Iżda r-rikorrent xorta mhux sodisfatt minn dan kollu;*

12. *Illi peress li fil-każ preżenti jidher li l-appelli msemmija fuq għadhom ma ġewx deċiżi, għalhekk wieħed ma jistax jitkellem fuq sanzjonijiet fil-konkret iżda fuq konġetturi u dan m'għandux jiġi aċċettat;*

13. *Illi jibqa' jiġi ribadit li kwalunkwe piena amministrattiva li jista' jeħel ir-rikorrent, jekk kemm-il darba din tiġi kkonfermata mit-Tribunal u mill-Qorti tal-Appell (jekk ikun hemm appell), ma tistax titqies bħala piena eċċessiva jew sproporzjonata;*

14. *Illi għal dak li għandu x'jaqsam ma' indipendenza u imparzjalita', l-Awtorita' għandha tiġi meqjusa bħala indipendenti u mparzjali u dan għaliex skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(3) tal-Kap. 330, "... l-Awtorità għandha taġixxi b'mod indipendenti u m'għandhiex titlob jew tieħu istruzzjonijiet minn xi korp ieħor jew persuna oħra.";*

15. *Illi barra minn hekk, il-liġi teżiġi wkoll li l-organi tal-Awtorita' jkunu indipendenti u jaġixxu b'mod indipendenti minn xulxin kif jidher mill-Artikoli 7B(2), 11(12) u 12A(7) tal-Kap. 330;*

16. *Illi r-rikorrent jilmenta wkoll li t-Tribunal ma jistax jitqies bħala Qorti indipendenti u parzjali. Dawn iż-żewġ kelmiet ma għandhomx jiftehmu li t-Tribunal għandu jkun bilfors presjedut minn Imħallef jew Maġistrat (Ara <u>Kenneth Brincat v l-Avukat Generali et</u> deċiża fl-10 ta' Jannar 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Kompetenza Kostituzzjonali)). Jekk wieħed iħares lejn il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea hemm numru ta' deċiżjonijiet fejn ir-rekwiżiti tal-independenza u mparzjalita' tal-awtoritajiet ġudikanti mwaqqfa b'liġi ġew ben definiti u ġie deċiż li t-tribunali mhux bilfors iridu jkunu parti mis-sistema ġudizzjarju ordinarju tal-pajjiż (vide "De Wilde, Ooms & Versyp Judgement" – 18 ta' Ġunju 1971; u "Le Compte, Van Leuven & Meyere Judgement" 23 ta' Ġunju 1981);*

17. *Illi fid-deċiżjoni li ġġib l-isem <u>"Bank of Credit & Commerce Int. SA Claimant (In compulsory liquidation) u "Munwar Ali Defendants & other former employees of BCCI"</u> [High Court of Justice {Chancery Division} tat-3 ta' Diċembru 2001] dik il-Qorti kkonkludiet:-*

> *" The Court must first ascertain all the circumstances which have a bearing on the suggestion that the Judge was biased. It must then ask whether those circumstances would lead a fairminded and informed*

*observer to conclude that there was a real possibility, or a real danger, the two being the same, that the tribunal was biased."*

18. *Illi fil-każ preżenti, it-Tribunal għadu ma ddeċieda xejn u għalhekk ir-rikorrent qed jinfaxxa rasu qabel qasamha;*

19. *Illi jiġi enfasizzat ukoll li fil-każijiet imsemmija mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom, il-Qorti Ewropea kienet waslet għal ċertu konklużjonijiet biss f'dawk il-każijiet u f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari u allura ma stabbilew ebda prinċipju universali. Isegwi għalhekk li kull każ irid jiġi studjat u analizzat skont il-fattispeċje tiegħu u d-deċiżjonijiet kkwotati mir-rikorrenti jikkostitwixxu stat biss fil-konfront tal-partijiet f'dawk il-kawżi partikolari – inter partes;*

20. *Illi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-artikoli u r-regolamenti msemmija mir-rikorrenti u kif tmexxa l-proċess investigattiv li wassal lill-Awtorita' intimata biex tieħu d-deċiżjoni fondata tagħha, ma jiksru l-ebda dritt fundamentali msemmi mir-rikorrenti u għalhekk, m'għandhomx jiġu dikjarati nulli u/jew mingħajr effett skont l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni. Il-proċeduri legali istitwiti mill-Awtorita' u d-deċiżjoni tal-11 ta' Novembru 2021 li llum hija appellata u għalhekk mhix finali, m'għandhomx jitqiesu nulli u/jew mingħajr effett. F'din il-vena, ir-rikorrent ma ġarrab l-ebda danni materjali u morali u l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jiġi mogħti lilu.*

21. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali u għalhekk l-ebda forma ta' kumpens m'hu dovut u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

3. Rat illi fl-4 ta' April 2022, l-intimata **Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta** irrispondiet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi fl-ewwel lok l-Awtorita' esponenti umilment tissottometti illi r-rikorrent għandu rimedju ordinarju effettiv għad-disposizzjoni tiegħu a tenur tal-artikolu 16 tal-Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta (moqri flimkien mal-artikolu 21 tal-Kap 330), li jipprovdi dritt ta' appell minn deċiżjoni bħal dik li ħadet l-Awtorita' fil-konfront tar-rikorrent nhar il-11 ta' Novembru, 2021 ("id-Deċiżjoni Appellata"). Fil-fatt ir-rikorrent intavola l-appell tiegħu a tenur tal-imsemmi artikolu 16 tal-Kap 529 quddiem it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji (it-"Tribunal"), liema appell kurrentement għadu pendenti. Addirittura jiġi rilevat ukoll illi hemm ukoll possibilita' ta' appell mill-eventwali deċiżjoni tal-imsemmi Tribunal ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 330. Ghalhekk f'dan l-istadju, ir-rimedju ordinarju disponibbli għar-rikorrent taħt il-Liġi ordinarja tal-pajjiż għad mhuwiex eżawrit.* [9]

   *Għaldaqstant l-Awtorita' esponenti umilment tissottometti illi din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta illi teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali*

[9] Vide digriet tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ta' nhar it-22 ta' Diċembru, 2020 fl-ismijiet *James Blake (ID 68864M) Vs L-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Appell Nru: 75/2020).*

*tagħha kif jikkontempla l-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, u għal kull buon fini kif jikkontempla wkoll l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.*[10]

2. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-azzjoni odjerna hija in ogni caso waħda intempestiva billi d-deċiżjoni tal-Awtorita' esponenti fil-konfront tar-rikorrent għadha qegħda tiġi kontestata permezz tal-appell hawn fuq imsemmi. F'dan l-istadju għad ma hemm l-ebda deċiżjoni finali fil-konfront tar-rikorrent billi, permezz tal-appell intavolat mir-rikorrent stess, għad qed jiġi dibattut quddiem l-imsemmi Tribunal, jekk id-Deċiżjoni Appellata għandhiex tiġi kkonfermata jew le. Ladarba r-rikorrent għażel li jintavola l-appell, huwa għandu jħallih jieħu l-kors tiegħu u ma jistax f'daqqa waħda jinsa' li dik id-Deċiżjoni Appellata tista' potenzjalment tiġi ikkonfermata jew imħassra u jgħaddi biex jara jistax jannulla dik id-deċiżjoni abbażi ta' ksur ta' liġi speċjali dwar drittijiet fundamentali (ħaġa li tippresupponi li d-deċiżjoni diga' ġiet kkonfermata u ma baqa' ebda rimedju ordinarju ieħor taħt il-liġi ordinarja). Fuq kollox, jekk id-Deċiżjoni Appellata tal-Awtorita' eventwalment ma tiġix konfermata, ir-rikorrent ma jibqagħlu ebda interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri. Inoltre anke wara d-deċiżjoni tat-Tribunal jifdal ukoll rimedju ulterjuri ta' appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u kwindi aktar u aktar ir-rikors odjern huwa wieħed intempestiv. Dan kollu jingħad naturalment mingħajr preġudizzju għall-posizzjoni tal-Awtorita' fl-appell surreferit.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit ukoll illi in kwantu għal-lanjanzi immirati lejn il-Liġi innifisha, l-Awtorita' esponenti m'hijiex il-leħittimu kontradittur peress illi hija taqdi l-funzjonijiet tagħha fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Liġi u b`mod imparzjali u indipendenti minn kull entita' jew awtorita' oħra u f'dan is-sens l-Awtorita' ma tistax tinstab illi tikser ebda drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Il-kwistjoni dwar jekk il-Liġi twassalx għall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tiġi imwieġba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-Awtorita' esponenti. Għall-istess raġuni u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, lanqas tista' l-Awtorita' tiġi kkundannata tħallas ebda danni jew kumpens f'każ li (għall-grazzja tal-argument) xi waħda mit-talbiet tar-rikorrent tiġi milqugħa.*

4. *Illi fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent huma irriti u nulli sa fejn dawn jirreferu b'mod vag għal 'kull disposizzjoni oħra' tal-Kap.330 u Kap.529 mingħajr ma jindikaw liema huma l-artikoli speċifiċi li dwarhom qed titqajjem il-lanjanza Kostituzzjonali tar-rikorrent, u dan in kwantu r-rikorrent jipprova jitfa' xibka wiesgħa billi jfassal dawk it-talbiet mhux biss b'referenza għall-artikoli tal-Liġi ċitati minnu, iżda wkoll b'mod ġeneriku. Bir-rispett jiġi eċċepit illi t-termini tal-kawża jiġu ffissati mir-rikorrent permezz tat-talbiet tiegħu kif dedotti fir-rikors promotur u għalhekk ma jistax jistrieħ fuq talbiet ġeneriċi għaliex m'huwiex ir-rwol ta' din l-Onorabbli Qorti li tipprova tikkjarifika l-parametri tal-kawża mressqa mir-rikorrent. F'dan is-sens allura dik il-parti tal-ewwel u t-tieni talba li tmur oltre mill-artikoli hemm espressament imsemmija, żgur li ma tistax tiġi milqugħa. Dan huwa dejjem mingħajr preġudizzju għall-posizzjoni tal-Awtorita' illi fil-fatt ebda mit-talbiet ma għandhom jiġu milqugħa kif ser jiġi eċċepit hawn taħt.*

---

[10] Qieghed jinghad 'ghal kull buon fini' ghaliex ghalkemm fil-premessi ir-rikorrent jaghmel referenza ghad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, it-talbiet huma fil-fatt ibbazati biss fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

5. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju, u f'dan is-sens ukoll jiġi eċċepit illi din l-Onorabbli Qorti ma tista' ssib ebda leżjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni") peress illi ma hemm ebda talba f'dan is-sens. Dan qiegħed jingħad għaliex f'dan ir-rigward hemm distakk bejn il-premessi kontenuti fir-rikors promotur li jagħmlu referenza għal varji disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u t-talbiet li jagħmlu referenza esklussiva għall-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Il-kawża tista' tiġi deċiża biss abbażi tat-talbiet imressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti mir-rikorrent.*

6. *Illi fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra hawn sollevati, il-Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta huwa derivanti minn Liġi tal-Unjoni Ewropea u għalhekk il-leġislatur Malti huwa marbut bir-rekwiżiti tal-istess fit-trasposizzjoni tad-Direttiva Ewropea in kwistjoni. F'dan ir-rigward wieħed għandu jqis il-prinċipju ġenerali abbraċċat mill-Qrati Ewropej illi l-Liġi tal-Unjoni Ewropea hija preżunta bħala konformi mad-drittijiet fondamentali u fi kwalsiasi każ, japplika il-prinċipju ta' supremazija tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt ir-regoli relattivi u l-inforzar tal-imsemmi Kap 529 huma lkoll in linea mal-obbligi internazzjonali tal-Istat Malti, inkluż il-Liġi Ewropea kif ġia ingħad.*

7. *Illi fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju, l-ebda disposizzjoni tal-Kap 330 jew tal-Kap 529 u lanqas id-Deċiżjoni Appellata tal-Awtorita' jew is-sanzjoni amministrattiva konsegwenti, jew addiritura l-proċess amministrattiv li wassal għall-istess, ma jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.*

8. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, dawk il-garanziji li japplikaw biss fil-kamp kriminali skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni (u għal kull buon fini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni), ma jsibux applikazzjoni fil-każ odjern billi l-Awtorita' esponenti ma tagħmel ebda determinazzjoni ta' natura kriminali, iżda tiddetermina biss kwistjonijiet amministrattivi. Il-proċess adoperat mill-Awtorita' esponenti huwa strettament amministrattiv u s-sanzjoni imposta minnha hija waħda amministrattiva.*

9. *Jiġi bir-rispett sottomess illi lanqas ma għandha tintuża l-ġurisprudenza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni biex jiġi determinat jekk il-proċeduri in kwistjoni humiex amministrattivi jew le għall-fini ta' kwistjonijiet kostituzzjonali sollevati b'din il-kawża billi l-implikazzjonijiet fil-Kostituzzjoni u dawk fil-Konvenzjoni huma diverġenti.*

    *Għalhekk il-garanziji tal-kamp kriminali li qiegħed jipprova jinvoka r-rikorrent ma jsibux applikabilita' fil-każ odjern.*

10. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, kemm l-Awtorita' esponenti u kif ukoll it-Tribunal huma entitajiet independenti, awtonomi u imparzjali. L-Awtorita' għandha garanziji fil-Liġi dwar dan u għandha wkoll struttura li tiggarantixxi li min qed jiddeċiedi dwar il-ksur tal-obbligi legali mill-persuni suġġetti u dwar l-imposizzjoni ta' miżuri amministrattivi, inkluż pieni amministrattivi, igawdi indipendenza u imparzjalita' u mhux minnu li l-istess persuni qed jaġixxu ta' prosekuzzjoni, ġurija u mħallef fl-istess każ, kif jallega*

*ir-rikorrenti fir-rikors tiegħu. Daqstant ieħor, it-Tribunal huwa independenti u imparzjali. Il-Liġi tipprovdi garanziji f'dan ir-rigward ukoll.*

11. *Illi mingħajr preġudizzju, l-Awtorita' provdiet lir-rikorrent bl-informazzjoni dwar il-proċess li kien se jwassal għad-Deċiżjoni Appellata u bl-opportunita' sħiħa li jiddefendi ruħu u jressaq il-każ tiegħu, kif fil-fatt kellu kull opportunita' li jagħmel. Addirittura, ir-rikorrent għad għandu ċ-ċans li jerġa' jressaq il-każ tiegħu fis-sħiħ quddiem it-Tribunal surreferit, inkluż billi jressaq dawk il-provi kollha u jagħmel dawk is-sottomissjonijiet kollha li jidhirlu xierqa. Dan dejjem soġġett għall-possibilita' ta' appell ulterjuri skond il-Liġi.*

12. *Illi fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' esponenti taġixxi bħala Regolatur a tenur tal-Kap 330 u l-Kap 529 sabiex tassigura l-konformita' mad-disposizzjonijiet legali relattivi. Dan huwa dover impost fuq l-Awtorita' mil-Liġi stess li tirrikjedi li l-Awtorita' timponi s-sanzjonijiet amministrattivi appożiti f'każ ta' ksur tal-imsemmija obbligi. Għalhekk il-Korp esponent huwa għal kollox independenti u imparzjali in kwantu l-unika interess illi huwa għandu huwa propju l-osservanza tal-Liġi. Għalhekk ukoll ma jistax jitqies illi kien hemm ebda ksur ta' drittijiet fondamentali.*

13. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-artikolu 16 tal-Kap 529 u l-artikolu 21 tal-Kap 330 jagħtu rimedju adegwat sabiex jiġi assigurat id-dritt tas-smiegħ xieraq. A tenur tal-artikolu 16 tal-Kap 529, jista' jsir appell quddiem it-Tribunal minn deċiżjoni bħal dik meħuda mill-Awtorita' fil-konfront tar-rikorrent. It-Tribunal huwa independenti, awtonomu u imparzjali u jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' smigħ xieraq fir-rigward tad-deċiżjonijiet u sanzjonijiet amministrattivi meħuda mill-Awtorita'. Id-deċiżjoni tal-appell tista' wkoll potenzjalment tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) skond l-artikolu 21 tal-Kap 330. Għalhekk ukoll ma jista' jirriżulta ebda ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u lanqas għal kull buon fini ma hemm xi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

14. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-proċess kollu regolatorju li wassal għad-Deċiżjoni Appellata tal-11 ta' Novembru, 2021 sar strettament skond il-Liġi u bl-ebda mod ma kiser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent. Daqstant ieħor, id-Deċiżjoni Appellata hija skond il-Liġi u bl-ebda mod ma tilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent. Kemm id-Deċiżjoni Appellata u l-proċess li wassal għal dik id-deċiżjoni, huma interament skond il-Liġi u għal kollox validi.*

15. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ebda disposizzjoni tal-Kap 330 jew tal-Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta ma tilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent u l-Awtorita' esponenti fi kwalsijasi każ u f'kull mument imxiet skond il-Liġi u ma wettqet ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent u għalhekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

16. *Illi għalhekk ukoll l-esponenti ma tistax tiġi dikjarata responsabbli ta' l-ebda danni fil-konfront tar-rikorrent.*

*17. Illi assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi xi waħda mit-talbiet tar-rikorrent għandha tiġi milqugħa (u dan qed jingħad purament għall-grazzja tal-argument, billi l-Awtorita' esponenti jidhirlha illi t-talbiet għandhom effettivament jiġu miċħuda fl-interezza tagħhom) allura f'dak il-każ dikjarazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fondamentali għandha tkun suffiċjenti u m'għandux ikun il-każ li l-Qorti tiffissa ebda kumpens jew danni.*

*18. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

*19. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti hija l-umli sottomissjoni tal-Korp esponent illi t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors kostituzzjonali imressaq mir-rikkorent Iosif Galea għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

**Provi**

4. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fl-4 ta' April 2022, ossija s-segwenti:

    - Kopja tad-deċiżjoni presumibbilment datata 11 ta' Novembru 2021, li abbażi tagħha r-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni; (fol 31 - 99)
    - Appell quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji (fol 100 – 105) w risposta tal-Awtorita' intimata; (fol 106 – 109)
    - Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet 'James Blake vs l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta' deċiża fit-22 ta' Diċembru 2020. (fol 110 – 117)

5. Rat illi fis-7 ta' April 2022, l-intimati għarrfu illi jkun opportun illi dina l-Qorti tqis u tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni preliminari imqajjma miż-żewġt intimati, ossija illi "*r-rikorrent għadu ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavola din il-kawża kostituzzjonali speċjali.*"

6. Rat illi fis-7 ta' April 2020, wara li semgħet lill-partijiet, il-Qorti ordnat illi tiġi meqjusa u deċiża l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati, u għal dan il-għan ordnat lill-intimati jibdew bil-provi tagħhom.

7. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Awtorita' fit-22 ta' Ġunju 2022 illi kienu jinkludu, kemm id-dokumentazzjoni ġia eżebita fl-4 ta' April 2022, fuq elenkati fil-para 4, kif ukoll Digriet tal-21 ta' Marzu 2022 tat-Tribunal għal-Servizzi Finanzjari li bih, wara talba tar-rikorrent odjern, ċaħdet it-talba sabiex tissoprasjedi sakemm il-proċeduri odjerni jiġu deċiżi (fol 152), kif ukoll verbal ta' l-istess Tribunal datat 15 ta' Ġunju 2022 fejn ġiet mgħarrfa mill-konsulent legali tar-rikorrent illi huwa ma' kellux mod kif jikkomunika mal-klijent tiegħu "*minħabba ċirkostanzi li m'għandux kontroll fuqhom u li jinsabu fid-dominju pubbliku.*" (fol 153)

8. Rat illi fit-22 ta' Ġunju 2022, l-intimati lkoll għarrfu lill-Qorti illi ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

9. Rat illi fit-22 ta' Ġunju 2022, l-konsulenti legali tar-rikorrenti għarrfu illi ma kellhomx provi xi jressqu dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati.

10. Rat illi fit-22 ta' Ġunju 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub ta' l-intimati dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom.

11. Rat illi fil-25 ta' Ottubru 2022, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-Awtorita' intimata. (fol 170)

12. Rat illi fil-31 ta' Ottubru 2022, l-Avukat tal-Istat ippreżenta s-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu. (fol 181)

13. Rat illi fit-3 ta' April 2023, r-rikorrenti ppreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub. (fol 192)

14. Rat illi fit-3 ta' April 2023, il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni prelimiari tal-Avukat tal-Istat u tal-Awtorita' intimata.

## Ikkunsidrat

15. Jirriżulta illi, fil-11 ta' Novembru 2021, l-Awtorita' intimata, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap 529 li huwa l-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, sabitu ħati ta' ksur tar-Regolamenti u mmultatu multa ta' €53,333.

16. Jirriżulta illi mid-deċiżjoni tal-11 ta' Novembru 2021 mogħtija mill-Awtorita' intimata, r-rikorrent intavola appell (FST 05/21), illi sas-16 ta' Novembru 2022, jidher illi kienet għadha pendenti wara li fil-21 ta' Marzu 2022 l-istess Tribunal ddegreta illi ma kellux jissoprasjedi sakemm il-kawża odjerna tiġi deċiża.

17. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri Kostituzzjonali odjerni, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil dina l-Qorti sabiex tqis żewġt ilmenti prinċipali:

- Illi l-Artikolu 16 u 21 tal-Kap 330 li huwa l-Att dwar l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u l-Artikolu 9 u 16 tal-Kap 529 li huwa l-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, fejn dawn jawtorizzaw lill-Awtorita' intimata kif ukoll It-Tribunal għal Servizzi Finanzjajri biex

    i. Jisimgħu u jiddeċiedu każijiet ta' Ksur tal-Atti u Regolamenti
    ii. Jagħtu ordnijiet u multi.

  Jikser l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

- Illi d-deċiżjoni tal-11 ta' Novembru 2021 ta' l-istess Awtorita', inkluż l-investigazzjoni u proċeduri legali, jilledu d-drittijiet tiegħu taħt Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

## Eċċezzjoni Preliminari

18. Jirriżulta illi ż-żewġt intimati, fost l-eċċezzjonijiet tagħhom, ressqu t-tnejn li huma eċċezzjoni preliminari identika, ossija illi r-rikorrent kien għadu ma eżawriex ir-rimedji ordinarji tiegħu u għalhekk il-Qorti kellha tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha.

19. Jirriżulta illi, in sostenn ta’ tali eċċezzjoni, ż-żewġt intimati straħu fuq deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mogħtija fit-22 ta’ Diċembru 2020 fl-ismijiet ‘**James Blake vs Awtorita’ għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta.**”

20. Jirriżulta illi r-rikorrenti, biex jirribatti għal tali difiża, għamel referenza għal deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fuq eċċezzjoni simili, fil-proċeduri ‘**Insigna Cards Limtied vs Korp għall-Analiżi ta’ Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) u l-Avukat tal-Istat**’ mogħtija fl-1 ta’ Diċembru 2021, fejn eċċezzjoni simili ġiet skartata mill-Qorti Kostituzzjonali.

21. Jirriżulta illi, fil-każ suċċitat, is-soċjeta' Insigna Cards Limited kienet intavolat proċeduri ta’ natura Kostituzzjonali quddiem il-Prim' Awla fejn ikkontendiet, fost affarijiet oħra, illi l-poter mogħti lill-FIAU illi “*jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u ‘Qorti’*” jilledu d-drittijiet tagħha kif protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

22. Jirriżulta illi, f’dak il-każ, l-FIAU kif ukoll l-intimat odjern, Avukat tal-Istat, kien qajjem id-difiża li ma ġiex eżawrit ir-rimedju ordinarju u għalhekk il-Prim' Awla kellha tastjeni milli teżerċita l-poteri tagħha.

23. Jirriżulta illi l-Prim' Awla, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), fit-30 ta’ Lulju 2021, laqgħet l-eċċezzjoni ta’ l-intimati u għalhekk irrifjutat illi teżerċita s-setgħat mogħtija lilha mil-Liġi.

24. Jirriżulta illi, sussegwentement is-soċjeta' Insigna Cards Limited appellat minn tali deċiżjoni quddiem il-**Qorti Kostituzzjonali**, ossija l-ogħla organu fil-Qrati nostrani, u, permezz ta’ sentenza mogħtija fl-1 ta’ Diċembru 2021, il-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tgħid dwar id-difiża ta’ l-intimati:

> 20. *Dak li qiegħda ssostni l-attriċi f’din il-kawża jmur lil hinn mill-parametri tal-appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Hu minnu li quddiem dik il-Qorti jistgħu jsiru appelli dwar punti ta’ fatt u ta’ liġi. Madankollu, f’dak l-appell il-Qorti mhijiex ser tikkonsidra u tiddeċiedi dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li għalihom irreferiet l-attriċi, jiksrux il-jeddijiet fundamentali protetti taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Art. 6 u 7 tal-Konvenzjoni. L-attriċi għandha interess li l-kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali jiġu determinati f’dan l-istadju. Saħansitra qiegħda wkoll timpunja l-proċedura stess tal-appell li tipprovdi għalih il-liġi. M’hemm l-ebda garanzija li l-attriċi ser toħroġ rebbieħa fl-appell pendenti.*
>
> 21. *Hu fatt li parti mill-ilment tal-attriċi hu dwar il-mod kif mexxa l-investigazzjoni l-FIAU qabel id-deċiżjoni, u l-attriċi għamlet referenza għall-Art. 6(3) tal-Konvenzjoni u Art. 39(6)(a). Normalment wieħed irid jistħarreġ il-proċess kollu u mhux jillimita ruħu għal xi stadju partikolari. F’dan ir-rigward fadal l-appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Madankollu jibqa’ l-fatt li jkun x’ikun l-eżitu tal-proċess li għad irid isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), dak li ġara quddiem l-FIAU seħħ u l-attriċi tilmenta li fih innifsu dak il-proċess wassal għall-ksur ta’ jeddijiet fundamentali. Inoltre, dan l-ilment hu direttament konness mal-ilment li bih l-attriċi qiegħda tikkontesta provvedimenti tal-Att Kontra l-Money*

*Laundering fosthom li l-FIAU hu awtorita` pubblika li bil-liġi jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin.*

*22. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti m'għandhiex dubju li fil-każ in eżami l-attriċi mhijiex tabbuża mill-proċess kostituzzjonali u m'hemmx bażi sabiex Qorti tiddeċiedi li ma tqisx l-ilment tal-attriċi minħabba li għandha mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat.*

25. Il-Qorti tistqarr illi hija kemmxejn perplessa kif l-Avukat tal-Istat, ben konxju ta' deċiżjoni ta' dina l-portata mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali, ossija l-ogħla organu tal-Qrati Maltin, jagħżel illi jinjora totalment t-tagħlim minnha espress u, fit-30 ta' Marzu 2022, xhur wara tali direzzjoni ċara mill-Qorti Kostituzzjonali, iressaq bħala eċċezzjoni preliminari l-istess eċċezzjoni illi kienet ġiet lilha miċħuda mill-Qorti Kostituzzjonali.

26. Il-Qorti tirrileva wkoll illi hija kemmxejn inverosimili wkoll illi l-Awtorita' intimata tqajjem tali tip ta' eċċezzjoni quddiem dina l-Qorti, filwaqt illi fir-risposta tal-appell illi hija għamlet quddiem it-Tribunal wara l-appell intavolat mir-rikorrenti, meta kienet qed tirrispondi għat-Tieni Aggravju tar-rikorrent, ossija illi "**Deċiżjoni manifestament inġusta u li tilledi d-drittijiet fundamentali tal-appellant"** tilqa' għal tali aggravju billi tgħid testwalment is-segwenti: (fol 108)

> *"It-Tieni Aggravju dan it-Tribunal ltaqa' miegħu diversi drabi u l-ġurisprudenza hija kostanti fis-sens illi dana t-Tribunal m'għandux il-ġurisdizzjoni li jisma' il-lamentela mressqa f'dan l-aggravju.*
>
> *Fil-fatt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal hija limitata għal dak li jinstab f'artikolu 21 (9) tal-Kap 330."*

27. L-Awtorita' intimata donna qed tagħti x'tifhem li t-Tribunal ma għandux kompetenza jidħol fi kwistjonijiet ta' natura Kostituzzjonali, kif del resto ma għandhiex, filwaqt illi lil dina l-Qorti qiegħda tistedinha sabiex ma teżerċitax il-poteri kostituzzjonali illi għandha, għax ir-rikorrent għandu rimedji ordinarji pendenti.

28. Din il-Qorti tosserva illi, kif del resto osservat ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, ir-rimedji ordinarji tar-rikorrent, illi huwa adopera u li l-intimati qed jibbażaw l-argument preliminari tagħhom, bl-ebda mod ma jistgħu qatt jindirizzaw l-ilment illi r-rikorrent qiegħed jagħmel quddiem dina l-Qorti, fil-kapaċita' Kostituzzjonali tagħha – ossija illi l-poteri mogħtija lill-Awtorita' intimata u lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji fl-Artikolu 16 u 21 tal-Kap 330 u Artikolu 9 u 16 tal-Kap 529 qed jilledu d-drittijiet tiegħu skond l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

29. Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' "*intempestivita*" ta' l-intimati, u għalhekk it-talba ta' l-istess intimati sabiex dina l-Qorti tirrifjuta li teżerċita' s-setgħat tagħha **<u>għax</u>** ir-rikorrent għandu rimedji ordinarji illi għadu ma eżawriex ma jsib ebda konfort mill-fatti u sottomissjonijiet illi saru, u timmerita illi tiġi miċħuda.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat illi, fuq talba ta’ l-intimati, fis-7 ta’ April 2022 ġie deċiż illi dina l-Qorti tittratta u tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni ta’ l-Avukat tal-Istat, kif anke riflessa fl-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita’ intimata.

Wara illi rat s-sottomissjonijiet tal-abbli difensur ta’ l-Awtorita' intimata kif ukoll tal-Avukat tal-Istat u tal-abbli difensur tar-rikorrent;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita intimata odjerna billi:

**Tiċħad** tali eċċezzjoni preliminari.

**Il-Qorti tordna il-prosegwiment tas-smiegħ tal-kawża.**

**Spejjeż** jitqiesu eventwalment mad-deċiżjoni finali.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur